MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 304/2003

**Raymond u Carmen konjugi Camilleri**

**vs**

**Paul Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm192.75) rappresentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fil-Hamrun bejn vetrtura bin-numru ta' registrazzjoni IAZ851 misjuqa mill-attur u vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAD185 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident kien jahti l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 tal-konsult u dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 u bl-imghaxijiet min-notifika ta’l-avviz kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta’ Frar 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta’l-attur Raymond Camilleri.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni pretizi minnhom.
3. Inoltre ma hemmx lok ghal kundanna tal-konvenut ghal hlas ta’ danni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.
Sema' x-xhieda tal-kontendenti u ta’ PS 1330 Alexander Schembri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti  u cioe’ ir-ricevuti tad-danni u ir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta (Dokument P, AS1 u AS2).

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fil-11 ta’ Awissu 2002 gewwa Triq il-Kanun, Hamrun. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fid-direzzjoni l-opposta ta’ xulxin. L-attur kien sejjer mid-direzzjoni tal-Hamrun sejjer lejn Santa Venera u l-konvenut kien qieghed isuq fid-direzzjoni l-opposta u cioe’ lejn il-Hamrun sabiex iwassal lil ibnu ghal festa ta’ San Gejtanu.

L-attur jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu meta f’daqqa wahda madwar ghoxrin metru ‘il boghod minnu lemah il-vettura tal-konvenut gejja ezatt faccata tieghu fuq in-naha tieghu tat-triq. Hu ghalhekk ipprova jersaq iktar lejn il-genb u daqqlu il-horn. Izda peress illi kien hemm vetturi ipparkeggjati tul in-naha tieghu huwa ma setax jidhol hafna ‘il gewwa. Ghalhekk meta ra li l-vettura tal-konvenut kienet ser tibqa’ gejja dritt

ghal fuqu huwa waqqaf izda l-konvenut xorta habat mieghu u baqa' diehel fil-ponta ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura ta'l-attur. Il-vettura tal-konvenut baqghet titkaxakar mar-rota ta' quddiem tal-vettura ta'l-attur u ghalhekk il-vettura tal-konvenut garrbet hsarat ukoll tul il-genb taghha. Din il-verzjoni tikkombaca perfettament ma' dik moghtija lis-surgent tal-pulizija dak in-nhar ta'l-incident.

Min-naha tieghu il-konvenut jikkontendi ukoll illi huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq madwar tlett piedi 'il barra mill-bankina. Ghalkemm ighid illi huwa lemah il-vettura ta'l-attur gejja ghal fuqu, ighid madanakollu illi meta l-attur kien qieghed isuq fuq il-karreggjata tieghu tat-triq. Ighid illi meta avvicina l-vettura ta'l-attur huma habbtu xoffa ma' xoffa u cioe' bil-ponta tal-vettura tieghu huwa laqat il-ponta tal-vettura ta'l-attur. Illi jirrizulta illi fuq in-naha ta' gewwa tat-triq fejn kien qieghed isuq l-attur kien hemm il-vetturi ipparkeggjati. L-attur jikkontendi illi meta lemah il-vettura tal-konvenut huwa dahal 'il gewwa kemm seta u waqqaf. Min-naha tieghu l-konvenut ighid illi kien qieghed isuq madwar tlett piedi 'il barra mill-bankina.

Illi t-Tribunal isibha kemmxejn difficli jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut dwar id-dinamika ta'l-incident u dana meta huwa jishaq illi iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fuq il-karreggjati rispettivi taghhom. Kieku dan kien minnu allura l-incident mertu ta' din il-kawza ma kienx isehh. Bil-fors illi xi hadd mis-sewwieqa invada xi ftit jew wisq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, iktar u iktar meta jidher mill-iskizz maghmula mill-pulizija, illi t-triq kienet wiesgha bizzejjed sabiex tippermetti zewg vetturi ighaddu komodament minn hdejn xulxin. Fil-fatt l-konvenut stess fix-xhieda tieghu ighid; "jiena ghalhekk ma nistax naghti spjegazzjoni 'il ghaliex sehhet il-kollizzjoni. Madankollu jekk wiehed ihares lejn il-verzjoni moghtija mill-konvenut lis-surgent tal-pulizija dak in-nhar ta'l-incident, isib l-ispjegazzjoni ta' kif sehh dan l-incident, meta l-konvenut ighid illi waqt li kien qieghed isuq fid-direzzjoni minn Santa Venera sejjer lejn il-Hamrun, huwa habat b'mod accidentali fil-vettura misjuqa mill-attur li kienet gejja mid-direzzjoni l-opposta.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi l-verzjoni moghtija mill-attur ta' kif sehh l-incident stradali mertu tal-kawza hija iktar verosimili u kredibbli u li kien il-konvenut li invada il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta tieghu biex b'hekk huwa habat fil-vettura misjuqa mill-attur.

Illi mill-provi ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni u kwindi it-Tribunal qieghed jistrieh fuq id-Dokument P u ir-ricevuti relattivi esebieti mill-atturi ma'l-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u filwaqt illi ighaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm192.75), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Frar 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------